

**Brussell, 22 ta' Settembru 2023
(OR. en)**

13202/23

**SOC 626
EMPL 446**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konsolidazzjoni u tiżni tas-sistemi Ewropej ta' protezzjoni soċjali - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tad-9 ta' Ottubru 2023.

Konsolidazzjoni u tisħiħ tas-sistemi Ewropej ta' protezzjoni soċjali

Dibattitu ta' orjentazzjoni

L-aħħar kriżijiet, u prinċipalment l-pandemija u l-konsegwenzi tal-inflazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, urew il-ħtieġa qawwija għal politiki ta' riżultat immedjat biex jittaffa t-tnaqqis fl-introjtu tal-unità domestika. Jenħtieġ li dawn il-politiki jiffukaw fuq dawk l-aktar vulnerabbli, biex b'hekk jiġu evitati impatti negattivi fit-tul li jiggravaw l-inugwaljanza, jillimitaw l-opportunitajiet u, fl-aħħar mill-aħħar, inaqqsu r-ritmu tat-tkabbir fuq perjodu medju u twil.

Madankollu, rispons rapidu u mmirat biex jindirizza tali sfida waħdu mhux biżżejjed biex jindirizza b'mod adatt l-impatt soċjali tal-isfidi soċjetali u ekonomiċi sottostanti. Implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tirrikjedi ħidma attiva fuq il-konsegwenzi soċjali ta' dawn l-isfidi strutturali sottostanti, bħal dawk assoċjati mat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Filwaqt li dawn l-isfidi jġibu opportunitajiet importanti għaċ-ċittadini Ewropej, jistgħu jwasslu wkoll għal żieda fl-inugwaljanzi, pereżempju, fir-rigward tad-distakk diġitali u l-faqar enerġetiku. Il-politiki soċjali jridu jevitaw u jindirizzaw dawn is-sitwazzjonijiet b'mod adegwat.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri adottaw jew qed jimplimentaw riformi fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali tagħhom, bħal riformi tal-benefiċċji tal-qgħad; eżenzjonijiet temporanji minn kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, xi drabi marbuta ma' rikwalifikazzjonijiet; kif ukoll jindirizzaw disparitajiet ta' protezzjoni soċjali billi jtejbu l-protezzjoni soċjali ta' min jaħdem għal rasu u tal-gruppi vulnerabbli. Madankollu, il-kopertura ta' dawn il-gruppi tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri.

Il-konsolidazzjoni ta' skemi ta' introjtu minimu wkoll għinet biex jiġi indirizzat l-impatt ta' dawn il-kriżijiet. B'mod partikolari, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill adottata riċentement, il-ħidma tal-Istati Membri biex jespandu l-livell ta' kopertura ta' skemi ta' introjtu minimu, biex inaqqsu r-rata għolja ta' nuqqas ta' użu assoċjat ma' dan it-tip ta' benefiċċji u biex jiżguraw il-komplementarjetà bejn miżuri soċjali u tax-xogħol, kienet element ewlieni ta' dawn l-isforzi.

Minbarra li jingħataw appoġġ finanzjarju, jenħtieġ li n-nies jiġu akkumpanjati u ggwidati biex ikunu inklużi b'mod sħiħ fis-soċjetà, kemm soċjalment kif ukoll fuq il-post tax-xoġhol, biex ikunu jistgħu jintegraw u jipparteċipaw bi drittijiet u opportunitajiet indaqs.

Xi Stati Membru għamlu użu notevoli ta' fondi tal-Unjoni, bħan-Next Generation EU u l-Fondi Strutturali, bil-ħsieb li jiksbu dawn l-oġettivi fil-qafas tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom. Iżda miżuri fuq perjodu qasir mhumiex biżżejjed, u l-Istati Membri jeħtieġ li jieħdu approċċ fuq perjodu medju u twil. Huwa għalhekk li xi Stati Membri qed jibdew iqisu l-importanza tal-introjtu minn investimenti soċjali u kif jittrattawhom b'mod xieraq fir-rigward ta' taxxa.

Fi sforz biex tiġi promossa l-konsolidazzjoni u tissaħħaħ il-protezzjoni soċjali fl-Ewropa, jenħtieġ li tittiejeb il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali biex tirrispondi għall-isfidi fid-dinja tax-xoġhol. Għalhekk, l-impenn kontinwu fin-negozjati dwar il-proposta għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali huwa ta' importanza vitali.

F'dan il-mument, ir-realtajiet il-ġodda tad-dinja tax-xoġhol, bħall-hekk imsejħa "nomadi diġitali" u t-telexoġhol, jitolbu lill-Unjoni Ewropea tqis l-implikazzjonijiet tagħha fuq il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, il-kriterji biex tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni applikabbli u l-impatt fuq il-friegħi differenti tas-sigurtà soċjali.

B'dan f'moħħu, bħala l-ewwel pass, grupp *ad hoc* tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali ffoka l-isforzi tiegħu fuq il-każ tat-teleħaddiema li regolarment iwettqu l-attività tagħhom fi Stat Membru differenti min dak fejn hu stabbilit l-impjegatur tagħhom, bil-għan li jipproponi modi konkreti kif jindirizza dawn is-sitwazzjonijiet. Madankollu, tista' tkun meħtieġa aktar azzjoni fil-livell tal-Unjoni matul iċ-ċiklu leġiżlattiv li jmiss.

Fl-istess waqt, it-teknoloġija diġitali qed tbiddel il-mod kif l-istituzzjonijiet jinteraġixxu. L-Istati Membri qed jesploraw modi ġodda kif itejbu l-komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, iċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet. Jenħtieġ li jittieħed kont tal-għodod diġitali u l-intelliġenza artifiċjali meta jkun qed jitqies il-futur tal-protezzjoni soċjali, prinċipalment bħala mezz biex jiġi promoss l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali, u biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi u l-abbuż. Il-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar "[I]d-diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali: l-iffaċilitar tal-moviment liberu fis-Suq Uniku" tiegħu kont tal-inizjattivi eżistenti u tippromponi azzjonijiet konkreti biex nimxu lejn sistema ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali aktar integrata diġitalment.

F'dan l-isfond, u abbażi tal-esperjenza nazzjonali, il-Ministri huma mistiedna jqisu l-mistoqsijiet li ġejjin:

- *X'inhuma l-implikazzjonijiet għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-bidliet li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID 19 u l-konsegwenzi tal-inflazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, li bħalissa għaddejjin minnhom is-soċjetajiet tagħna? X'inhuma l-prijoritajiet fir-rigward tat-titjib tal-protezzjoni soċjali?*
- *Pass 'il quddiem fil-protezzjoni soċjali kien l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Introjtu Minimu Adegwat. X'inhuma t-tagħlimiet ewlenin meħuda mill-implimentazzjoni tal-iskemi rilevanti fil-livell nazzjonali? Kif tista' il-protezzjoni soċjali tiġi estiża għall-aktar gruppi vulnerabbli?*
- *L-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari l-intelliġenza artifiċjali, jgħinu biex jiġu indirizzati l-ostakli eżistenti fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet madwar l-Unjoni? Hemm xi esperjenza li tistgħu taqsmu dwar l-użu tal-innovazzjoni teknoloġika biex tissaħħaħ il-protezzjoni soċjali?*